**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kawża numru: 41/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**David Gatt**

**Illum 28 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

David Gatt ta' 44 sena, iben Alfred u Rita nee' Azzopardi, imwieled Mtarfa fis-17 ta' Frar 1977, residenti 170, Flat 1, Sieview, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Mellieħa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 153677(M).

Akkużat talli nhar it-23 ta’ Diċembru 2020 u/jew fil-jiem u/jew l-ġimgħat ta’ qabel f’dawn il-gżejjer;

1. Żammejt f’xi fond jew kellekfil-pussess tiegħek, taħt il-kontroll tiegħek jew ġarrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħek xi arma tan-nar,jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi (Kap 480 tal-Liġijiet ta’ Malta) mingħajr makellek liċenzja taħt dakl-Att u dana bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Kellek fil-pussess tiegħek id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-liġijiet ta’ Malta meta ma kontx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek u nqast li tipprova lid-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Kellek fil-pussess tiegħek id-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-liġijiet ta’ Malta meta ma kontx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek u nqast li tipprova lid-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939)

kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Kellek fil-pussess tiegħek ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli irrenda ruħħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-15 ta' Marzu 2024;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Il-Qorti ġiet infurmata li f'kawża oħra fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti kienet tat digriet ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda minkejja d-diversi verbali tal-Qorti biex dan jiġi eżebit f'dawn il-proċeduri dan baqa' qatt ma sar.

Semgħet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni;

Rat li d-difiża ma tellgħetx provi;

Rat lil-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għall-każ ta' llum kienu s-segwenti:

Nhar it-23 ta' Diċembru 2020 l-Ispettur Alfredo Mangion ta struzzjonijiet lildiversi membri ta' l-iskwadra ta' kontra d-droga sabiex jeżegwixxu mandat fil-konfront ta' l-imputat magħruf bħala Gulia ġewwa l-inħawi ta' ġewwa l-lokalita' tal-Mellieħa. Għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar ta' dak in-nhar, l-imputat ġie mwaqqaf waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu ta' l-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni EBW 509 fl-inħawi tal-Mellieħa. Fuq l-imputat instabu żewġ pakketti żgħar b'sustanza bajda susspettata droga kokaina. Saret ukoll tfittixja fir-residenza ta' l-imputat f'Seaview, Flat 1, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Mellieħa u ġew elevate numru ta' devices elettroniċi u xi sustanzi suspettati reżina tal-cannabis u foil b'sustanza kannella suspettata droga herojina. Fil-living room tad-dar instabu wkoll kaxxa vjola tal-Cadbury bil-munizzjon ġo fiha u fil-wall unit ta' l-istess kamra instabet borża ta' lewn blu li kien fiha ammont ta' skrataċ kbar. Mill-kċina ġew elevati xi *bicarbonate of soda*, ammont ta' foil, notebook u xi foil maħruq li kien mormi fir-residenza wkoll. L-ispettur Alfredn Mangion fix-xhieda tiegħu jgħid li l-imputat iffirma rifjut għall-jedd tal-parir legali li ġie ezebit fl-atti tal-proċess bħala Dok AM1 u jgħid li l-imputat irrilaxxja stqarrija, madanakollu din l-istqarrija ma ġietx eżebita fil-proċess. Hu jgħid li fl-istqarrija ammetta għas-sustanzi ta' l-herojina u l-kokaina u li m'għandu l-ebda liċenzja tan-nar.

Mir-relazzjoni ta' l-espert xjenzat Dr. Godwin Sammut, fuq talba ta' l-istess Uffiċċjal Prosekutur ġie mogħti tlett evidence bags MC00017028, S01344213 u S01344214 meta huwa ikkonkluda s-segwenti:

1. *Evidence Continuity*
   *The Evidence bags MC00017028, S01344213 and S01344214 were sealed when submitted to this laboratory on the 5$^{th}$ of January 2021 and a submission form was submitted together with he exhibit. Upon submission, the sample was checked for*

*tampering. This resulted in the negative therefore the sample was opened and processed for analysis.*

*The evidence bags were opened and checked for substances suspected to be illicit. The evidence bag containing the substances suspected to be illicit was evidence bag with the number S01344214. The other 2 evidence bags were not analysed. The evidence bag with the number S01344214 contained (i) 2 plastic sachets each containing a white powder and (ii) a plastic sachet containing a brown substance.*

2. *Results*

   *An extraction was performed on a small sample taken from the items described above the results are shown below*

| *Exhibit* | *Result* | *Weight* |
|---|---|---|
| *White powder 1* | *Cocaine* | *0.51g* |
| *White powder 2* | *Cocaine* | *0.53g* |
| *Brown Substance* | *THC* | *0.78g* |

3. *Conclusions*

   *Extracts taken from the white power listed above resulted positive for the illicit substance, cocaine, while extracts taken from brown substance resulted positive for the illicit substance Tetrahydrocannabinol.*

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi kwantu jirrigwarda din l-imputazzjoni, l-uffiċċjal prosekutur u diversi pulizija oħra xehdu li instabet arma u xi munizzjon id-dar ta’ l-imputat. Jirriżulta li l-imputat preżentax provi biex jindika li huwa għandu liċenzja biex ikollu fil-pussess tiegħu arma tan-nar jew munizzjon. Fil-fatt a fol 50 tal-proċess RPC 3018 tixhed li saret riċerka mill-uffiċċju tal-Għassa tal-Qawra u jirriżulta li l-imputat Gatt m’hu liċenzjat bl-enda liċenzja tal-armi tal-pulizija.

Fi stadju ulterjuri tal-proċeduri jixhed PC 1525 Patrick Farrugia u jippreżenta r-relazzjoni tiegħu fejn ikkonkluda s-segwenti:

*Konklużjoni*

*Illi wara li lesta l-eżamijiet tiegħu l-esponent huwa tal-fehma illi:*

A. *Il-munizzjon li jinsab ġewwa dok 22AEL Dok AM5(7.65mm Browning) jaqbel mal-pistola FN Hestal nru. 522235 li tinsab ġewwa l-istess document, cioe' jista' jiġi sparat minnha;*
B. *L-istess pistola tiffunzjona tajjeb f'kull aspett;*
C. *Il-munizzjon dok 22AEL Dok. AM11 ma' jaqbilx mal-pistola FN Herstal nru. 522235 għaliex mhux ta' l-istess kalibru u tip;*
D. *Id-dokumenti kollha eżaminati jaqgħu kollha taħt skeda II, artikolu 5 ta' Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta (armi tan-nar u munizzjon suġġetti għal-liċenzja).*

Illi huwa ċar li l-imputat Gatt kellu fil-pussess tiegħu dawn l-armi u munizzjon mingħajr ebda liċenzja u għalhekk din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

**It-tieni imputazzjoni**

Jirriżulta mill-atti proċesswali li kokaina in kwistjoni instabet fil-vettura ta' l-imputat. Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għar-rapport tax-xjenzat Godwin Sammut li ma ġiex ikkontestat mid-difiża. L-ammont ma kienx xi wieħed abbundanti, fil-fatt jidher li kien għall-użu personali u għalhekk din l-imputazzjoni ġiet ukoll ampjament ippruvata.

**It-tielet imputazzjoni**

Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nstabet xi sustanza herojina fil-pussess ta' l-imputat. Huwa minnu li instabu xi foils jiġru mad-dar, iżda dawn ma ġewx eżaminati biex jindikaw jekk kienx hemm traċċi ta' herojina fuqhom *o meno*.

**Ir-raba imputazzjoni**

Jirriżulta mill-atti proċesswali r-raża tal-kannabis in kwistjoni instabet fir-residenza ta' l-imputat. Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għar-rapport tax-xjenzat Godwin Sammut li ma ġiex ikkontestat mid-difiża. L-ammont ma kienx xi wieħed abbundanti, fil-fatt jidher li kien għall-użu personali u għalhekk din l-imputazzjoni ġiet ukoll ampjament ippruvata.

**Il-ħames imputazzjoni**

Illi kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva dan ġie ippruvat billi l-prosekuzzjoni ippreżentat sentenza bil-konnotati waħda deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fis-27 ta' Novembru 2014.

Madanakollu tenut kont dak indikat hawn fuq il-Qorti qegħda tagħmel referenza għall-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:

*"1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pilloli tad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persunali għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, umeta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro(€125):"*

In vista tal-kostatazzjonijiet magħmula hawn fuq u in vista tal-fatt li d-droga li instabet fil-pussess ta' l-imputat kienet għall-użu personali, l-Qorti sejra tapplika dan il-provvediment meta se timponi l-piena u dan in vista wkoll ta' l-ammonti ta' droga li instabu kif indika x-xjenzat Godwin Sammut.

Inoltre kwantu jirriwgwarda l-piena għall-ewwel imputazzjoni l-Qorti tħoss in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ u in vista tal-fatt li l-imputat qed jiġi akkużat ta' pussess ta' droga għall-użu personali tħoss li għandha tapplika l-proviso ta' l-Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kwantu għall-ħlas ta' l-ispejjeż marbuta ma' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mhux sejra tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż marbuta ma' l-inkarigu tas-Sur Keith Cutajar u dan peress li din il-Qorti tħoss din ir-relazzjoni saret għalxejn. L-estrazzjoni tad-data mill-*mobile phones* kienet irrelevanti, kwantu l-imputat

qed jiġi akkużat bil-pussess sempliċi tad-droga u mhux dak aggravat jew ta' traffikar. Għalhekk il-Qorti ma tarax li l-imputat għandu jbati l-ispejjeż tat-talbiet ta' esperti mhux bżonnhom, speċjalment in vista tal-fatt li jekk l-imputat ma jħallasx dawn l-ispejjeż dawn jiġu konvertiti fi priġunerija.

Oltre dan il-Qorti tirrileva illi l-imputat fi proċeduri oħra jirriżulta li temm ir-rijabilitazzjoni tiegħu b'suċċess.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Liġi Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 5 u l-proviso ta' l-Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat David Gatt ħati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni fil-konfront tiegħu u ma ssibux ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah għal multa komplessiva ta' disa' mija tmienja u erbgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€948.81).**

**Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri fl-ammont ta' mitt Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€100.51) li għandhom jitħallsu sa żmien xahar mil-lum.**

**Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita u ta' l-arma u munizzjon eżebit Dok AM5, Dok AM 11 u evidence bag numru S01344214 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**